



Brussell, 16 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11090/18

LIMITE

MAMA 119
MED 38
MA 16

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-istatus avanzat (2013-2017)

1. Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni b'sena tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-istatus avanzat (2013-2017) (dokument 10547/18 + ADD 1 MAMA 105 MED 32 MA 10).
2. Fit-3 ta' Lulju 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Maxreq/Magreb eżamina l-proposta u qabel mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tippermetti lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk jadotta r-Rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni b'sena.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden biex:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni b'sena tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-istatus avanzat (2013-2017) kif imniżżla fid-dokument 10832/18 MAMA 112 MED 36 MA 14, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti.
- jordna l-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kif tinsab fid-dokument 10832/18 MAMA 112 MED 36 MA 14, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, fil-Ġurnal Uffiċjali wara li tiġi adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk.
